# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Ottubru, 2019**

Avviz tat-Talba numru: **141/2019**

**ANTHONY MANGION**
[K.I. NRU. 575345M]

***VERSUS***

**DEREK CAMILLERI**
[K.I. NRU. 50877M]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-21 ta' Gunju, 2019 fejn l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' tlett mija u tmenin ewro (€380.00c) rapprezentanti hsarat subiti mill-attur fil-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni LCL-647 ad opra tal-konvenut fid-data tal-5 ta' Dicembru, 2017 gewwa r-Rabat (Malta), kif ahjar deskritt fl-imsemmi Avviz tat-Talba. Talab ukoll l-ispejjez ta' dawn il-proceduri gudizzjarji u l-imghaxijiet mid-data tal-prezenti sejha gudizzjarja sad-data tal-pagament effettiv u finali.

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher ghas-smigh ta' dan il-procediment;

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu,*

*daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, l-konvenut gie debitament notifikat bl-atti processwali hekk kif registrat fil-verbal ta' l-udjenza tad-9 ta' Ottubru, 2019 (*a fol*. 7) u la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher hu stess jew xi rapprezentant jew difensur ghalih ghas-seduti mizmuma quddiem it-Tribunal biex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici. Ghalhekk, il-konvenut waqa' fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif puntwalizzat fil-verbal ta' l-imsemmija udjenza.[1]

Fl-udjenza tad-9 ta' Ottubru, 2019 it-Tribunal sema' lill-attur jikkonferma bil-gurament li hu huwa kreditur di fronti ghall-konvenut fl-ammont domandat f'dawn il-proceduri. L-istess stqarr hekk: "*L-Attur Anthony Mangion, bil-gurament moghti seduta stante, ikkonferma illi hu ghadu kreditur fil-konfront tal-Konvenut fl-ammont ta' EUR380 u li fil-mori tal-proceduri, l-istess Konvenut ma ssalda l-ebda somma mill-imsemmi ammont. L-istess Anthony Mangion, bil-gurament tieghu ikkonferma d-deskrizzjoni tal-fatti kif imfissra fl-Avviz tat-Talba.*" (ara *a fol*. 7).

Wara li t-Tribunal ha konjizzjoni ta' l-atti processwali shah, li jixhdu dwar l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri, l-istess jinsab moralment konvint li mill-assjem tal-provi jirrizulta li t-talba attrici hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mill-attur ma ghandux mis-sewwa.

Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta' dak fuq kunsidrat – u bl-adoperu tad-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-

[1] Ghall-istitut tal-kontumacja u kif dan japplika ghal procedimenti quddiem dan it-Tribunal, wiehed huwa mistieden jara *in re* **Margal Limited v. Eucharist Bajada** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 5 ta' Frar, 2019).

Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mill-attur huwa interament dovut mill-konvenut.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba ta' l-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess attur is-somma ta' tlett mija u tmenin ewro (€380.00c), bl-imghax mid-data tal-prezenti sejha gudizzjarja (i.e., mill-21 ta' Gunju, 2019) sad-data tal-pagament effettiv u finali.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri huma kollha a kariku tal-konvenut.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*